# Karta tal-Komunitajiet Lokali għal pajsaġġi kulturali abitabbli fil-Port il-Kbir

## Spazju Għal ULIEDNA

## MOTIVAZZJONI

Aħna, ir-rappreżentanti tal-Komunitajiet Lokali tal-lokalitajiet rispettivi tagħna fiż-żona tal-Port il-Kbir,

+ konvinti li **l-Ispazji Miftuħin Ħodor u Blu u l-Pajsaġġi Kulturali** huma riżors ta' importanza kritika għall-komunitajiet li nirrappreżentaw, u
+ konxji li r-riżorsi naturali u storiċi tar-reġjun għandhom impatt qawwi fuq il-benessri soċjali, mentali, fiżiku u ekonomiku tal-komunitajiet tagħna, u
+ impenjati li nonoraw ir-responsabbiltà li nagħtu lil uliedna u ulied uliedna kwalità ta' ħajja aħjar, u
+ impenjati li naħdmu id fid, flimkien ma' sħab bl-istess impenn , biex nippjanaw, b'mod olistiku u kollettiv, il-ħarsien u l-qsim tal-pajsaġġi kulturali tar-reġjun tal-Port il-Kbir, u
+ impenjati li nippromwovu r-reġjun tal-Port il-Kbir bħala **żona ta' rikreazzjoni u patrimonju ekoloġiku** u bħala **destinazzjoni ta' turiżmu ta' kwalità ta' valur lokali**, **nazzjonali u Ewropew**, u biex tinħoloq mogħdija reġjonali ta' patrimonju ekoloġiku li taqsam id-diversi lokalitajiet.

*permezz* ta' din il-Karta, inħaddnu u nippromwovu il-prinċipji li ġejjin u, b'vuċi waħda, insejħu & nistiednu lill-awtoritajiet, min jippjana, kull min għandu interess, min jiddeċiedi u l-NGOs, fkull livell, biex isostnu dawn il-prinċipji:



## SPAZJI MIFTUĦIN ĦODOR U BLU

**L-Ispazji Ħodor u Blu fir-reġjun tal-Port il-Kbir huma riżors prezzjuż u limitat** ta' importanza fundamentali għall-benessri tal-komunità u tan-nazzjon. Spazji ħodor u miftuħin ta' ċerta importanza fdan ir-reġjun jinkludu l-imsaġar tul is-swar tal-Kottonera, b'mod partikolari dawk bejn is-swar tal-Kottonera u dawk ta' Santa Margerita.

**L-Ispazji Miftuħin Ħodor u Blu joffru diversi benefiċċji għal saħħitna, l-ambjent u l-ekonomija.** L-ispazji blu huma essenzjali għall-benessri mentali, fiżiku u soċjali. L-ispazji ħodor għandhom rwol kritiku fis-sostenibbiltà ambjentali, b'mod partikolari fambjent urban b'popolazzjoni għolja.

Barra minn hekk, l-Ispazji Miftuħin Ħodor u Blu jagħmlu parti mill-patrimonju naturali u storiku tagħna, kif ukoll parti mill-memorja nazzjonali. Jistgħu jattiraw viżitaturi lokali u internazzjonali, b'potenzjal qawwi għal tkabbir ekonomiku.

Huwa rikonoxxut ukoll li **l-ġenerazzjonijiet ta' issa u tal-futur għandhom dritt inaljenabbli għall-aċċess u t-tgawdija tal-Ispazji Ħodor u Blu tar-reġjun**.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-ħarsien u l-ġestjoni sostenibbli tal-Ispazji Ħodor u Blu fir-reġjun tal-Port il-Kbir huma ta' importanza kruċjali għall-benefiċċju tal-generazzjonijiet preżenti u tal-futur.

*Għal dan il-għan, il-Firmatarji ta' hawn taħt jimpenjaw ruħhom li jaħdmu, flimkien ma' sħab idonji, biex iħarsu u jtejbu l-Ispazji Ħodor u Blu ta' dan ir-reġjun. B'mod partikolari, għandna l-ħsieb li:*

+ ***Inwettqu*** *inventarju u analiżi tal-qagħda tal-**Ispazji Ħodor u Blu** fil-lokalitajiet tagħna bil-għan li nistabbilixxu kif jistgħu jitħarsu aħjar u jsiru aktar sostenibbli.*
+ ***Niżviluppaw*** *għarfien aħjar tal-ekosistemi preżenti fdawn iż-żoni, kif jikkontribwixxu għall-biodiversità, it-theddid li qed jiffaċċjaw u l-opportunitajiet li jipprovdu għal ġestjoni aktar sostenibbli fil-futur.*
+ ***Nimmaniġġjaw*** *l-imsaġar madwar is-Swar tal-Kottonera b'mod sostenibbli sabiex nikkonservaw dawn l-imsaġar bħala pulmun aħdar ewlieni u post ta' skiet fin-Nofsinhar għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali u t-turisti li jżuruna.*
+ ***Niżviluppaw*** *mogħdija reġjonali tal-patrimonju ekoloġiku li taqsam id-diversi lokalitajiet. Din il-mogħdija tal-patrimonju ekoloġiku sservi ta' vetrina għall-kuntest storiku, kulturali u turistiku tas-swar waqt li tħares iż-żoni ħodor. Dan jitwettaq bis-sehem attiv tas-soċjetajiet lokali fl-oqsma tal-patrimonju u l-istorja.*
+ ***Insostnu*** *d-dritt tal-pubbliku li jkollu aċċess bla periklu għall-Ispazji Ħodor u Blu u jgawdihom.*
+ ***Invaraw*** *programm ta' Komunikazzjoni, Edukazzjoni u Għarfien Pubbliku dwar l-Ispazji Miftuħin Ħodor u Blu immirat ukoll lejn il-ġenerazzjonijiet iżgħar sabiex xogħolna ma jmutx magħna.*



## IS-SIĠAR

Is-siġar kollha fil-lokalitajiet tagħna, indipendentament mill-età jew l-istatus ta' ħarsien tal-ispeċi, huma parti mill-**pajsaġġ kulturali u l-ekosistemi tal-lokalitajiet tagħna u l-memorji kollettivi**. Is-siġar għandhom ukoll valuri ta' rikreazzjoni, kultura, estetika u tas-saħħa għall-komunitajiet tagħna.

*Fid-dawl ta' dan, il-Firmatarji jistinkaw biex:*

+ ***Jiżguraw*** *li ma ssir l-ebda ħsara, traspjant, żbir jew qlugħ mill-għeruq ta' tali siġar mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' esperti fil-qasam.*
+ ***Jirrijabilitaw*** *żoni ħodor żdingati u joħolqu żoni ħodor ġodda fil-qalba taż-żoni urbani, industrijali u kummerċjali ta' dan ir-reġjun. Ir-rijabilitazzjoni u l-konservazzjoni taż-żoni ħodor tar-reġjun jitwettqu b'mod ekoloġikament xieraq u sostenibbli.*
+ ***Iżidu*** *l-biodiversità indiġena fl-Ispazji Ħodor u Blu tar-reġjun.*
+ ***Jaddottaw*** *metodi ta' irrigazzjoni sostenibbli għaż-żoni ħodor tar-reġjun.*
+ ***Jiżguraw*** *li l-ġibjuni sotterranju u l-bjar pubbliċi ssirilhom manutenzjoni u l-ilma tax-xita jinġabar sabiex jintuża għat-tisqija tal-ġonna pubbliċi u żoni ħodor.*

## PATRIMONJU MIBNI

L-Ispazji Miftuħin Ħodor u Blu fir-reġjun tal-port huma **inseparabbli mit-tessut tal-patrimonju mibni** tar-reġjun, fejn l-aktar element li jispikka huma s-swar. Il-konservazzjoni u ġestjoni olistiċi u integrati tal-pajsaġġ urban storiku huma inseparabbli mill-ġestjoni sostenibbli u t-tgawdija tal-Ispazji Ħodor u Blu u l-valuri naturali kif ukoll ta' patrimonju kulturali li għandhom. Barra minn hekk, **il-patina tal-binjiet storiċi hija element integrali** tal-valur estetiku u dokumentarju tagħhom u tal-pajsaġġ kulturali tal-lokalitajiet tagħna u għandha tiġi ppriservata.

*Il-Firmatarji jintrabtu li jikkoperaw b'mod olistiku biex iħarsu il-pajsaġġ urban storiku, inklużi s-swar u l-ispazji ħodor ta' madwarhom. B'mod aktar speċifiku, nibtrabtu li:*

+ ***Nippromwovu*** *prattiċi xierqa fil-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-pajsaġġ storiku urban li jkunu konformi mal-prinċipji tal-Memorandum ta' Vjenna dwar "World Heritage and Contemporary Architecture - Managing the Historic Urban Landscape".*
+ ***Inqajmu*** *kuxjenxa fost dawk kollha involuti biex niżguraw li l-proġetti kollha ta' konservazzjoni li jseħħu fil-lokalitajiet tagħna jirrispettaw u jżommu l-patina tal-binjiet permezz ta' **dikjarazzjonijiet tal-metodi** u miżuri prattiċi oħrajn biex jiġu żgurat li ma jkunx hemm tindif żejjed.*
+ ***Ninstallaw*** *illuminazzjoni addattata li ttejjeb il-leġibbiltà tal-patrimonju mibni waqt li tevita aktar tniġġis mid-dawl fdin iż-żona.*

## ŻONI TAX-XTUT

Il-mollijiet u x-xtut tar-reġjun tal-Port il-Kbir huma riżors ieħor uniku li fil-preżent mhux użat biżżejjed u żdingat b'mod sinifikanti. Waqt li nifhmu l-ħtieġa li ċerti industriji u kummerċ irid ikun tul din iż-żona kostali, il-Firmatarji jirrikonoxxu li d-**dritt tal-pubbliku li jkollu aċċess bla periklu u li jkun jista' jgawdi dan il-post uniku fejn jiltaqgħu l-art u l-baħar** għandu jibqa' jiġi sostnut u stabbilit b'mod legali. Tabilħaqq, huwa meqjus li tali aċess iżid il-kummerċ u l-attività ekonomika fdin iż-żona.

*Għal dan il-għan, il-Firmatarji jistinkaw biex jaqsmu u jħarsu l-mollijiet u x-xtut tar-reġjun tal-Port il-Kbir, għat-tgawdija mill-pubbliku bħala dritt inaljenabbli. B'mod aktar speċifiku, nintrabtu li:*

+ ***Inħarsu*** *l-mollijiet u x-xtut tar-reġjun tal-Port il-Kbir minn aktar encroachment minħabba żvilipp inkompatibbli u inkongruwu.*
+ ***Niddefendu*** *d-dritt inaljenabbli tal-pubbliku li jkollu aċċess bla periklu u li jkun jista' jgawdi l-mollijiet u x-xtut tar-reġjun tal-Port il-Kbir u li jkompli jirkupra dawn id-drittijiet fejn kienu ġew miċħuda fil-passat.*
+ ***Noħolqu*** *mogħdija Ħadra u Blu tul ix-xatt mis-sit tal-Power Station tal-Marsa sat-Tlett Ibliet. Dan ikun jinkludi l-ftuħ u t-tindif ta' dan ix-xatt għat-tgawdija mill-pubbliku, ir-restawr ta' binjiet storiċi tul din il-mogħdija u l-ħolqien ta' kuritur ġdid aħdar tul din il-mogħdija kostali, waqt li nħarsu l-biodiversità fdan l-ambjent marittimu importanti.*







## PARTEĊIPAZZJONI ĠENWINA MILL-PUBBLIKU

Is-suċċess ta' kull ħidma fuq bażi lokali tiddependi mill-parteċipazzjoni attiva u l-aċċettazjoni tal-komunità lokali. Għalhekk, kull proġett ta' intervent irid ikun imħaddan mill-Komunitajiet Lokali li għandhom jingħataw kull opportunità u l-għodda xierqa, bħal ***community mapping*** biex jikkontribwixxu għall-pjan. It-tħassib u l-ideat tal-Komunità Lokali għandhom jiġu assimilati tul il-proċess ta' ppjanar kollu permezz ta' **djalogu soċjali estensiv** u konsultazzjoni ġenwina.

*Għalhekk, il-Firmatarji jimpenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien għal ambjent aħdar u blu aħjar u **jikkontribwixxu b'mod attiv għall-proċess kollu ta' ħarsien u titjib tal-pajsaġġi kulturali tar-reġjun**, b'mod partikolari l-Ispazji Miftuħin Ħodor u Blu.*

## ĦAMRIJA, ART AGRIKOLA U WIDIEN

Il-ħamrija hija "sponża" tal-karbonju li jeħtieġ li tiġi ppriservata sabiex tgħin fit-trażżin tal-emissjonijiet li jikkontribwixxi għall-bdil fil-klima. Il-ħamrija u l-art agrikola għandha wkoll **valur ekonomiku sinifikanti għall-familji tal-bdiewa** li jipproduċu prodotti lokali.

Il-firmatarji jirrikonoxxu l-valur ta' ħamrija li **mhix mirduma (unsealed)** u tal-art agrikola. Nagħrfu wkoll l-importanza tal-ħarsien u konservazzjoni tal-ispazji aperti li baqa' fil-widien, fid-dawl tal-valur li għandhom bħala unitajiet ġeoloġiċi, idroloġiċi u ekoloġiċi.

*Għaldaqstant, naħdmu biex:*

+ ***Inwaqqfu/nevitaw*** *l-irdim (sealing) estensiv tal-ħamrija permezz ta' aktar bini fżoni ħodor u agrikoli.*
+ ***Inreġġgħu*** *lura tali xogħlijiet ta' rdim (sealing) li seħħew fil-passat fejn ikun possibbli u xieraq.*
+ ***Niżguraw*** *li r-restawr tal-widien, bħal Wied Blandun, isir permezz ta' metodi olistiċi b'intervenzjoni minima li tirrispetta mhux biss il-patrimonju storiku u agrikolu li għandu iżda wkoll il-valur xjentifiku, ekoloġiku u rikreazzjonali.*

**Iffirma hawn:**

www.grandharbourcharter.net

www.marenostrumproject.eu

www.environmentalmalta.com

*The Charter has been produced with the financial assistance of the European Union under the ENPI CBC Mediterranean Sea Basin Programme. The contents of this Charter are the sole responsibility of IRMCo, under the Mare Nostrum project, and can under no circumstances be regarded as reflecting the position of the European Union or of the Programme's management structures. Mare Nostrum's total budget is 4.32 million Euro, 90% of which is being funded by the EU through the European Neighbourhood and Partnership Instrument.*